**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 90

Data tal-laqgħa: It-Tnejn 20 ta' Mejju 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Magda Magri Naudi – Sindku
Stephanie Cutajar– Viċi Sindku
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Salvu Farrugia – Kunsillier
Massimo Scerri – Kunsillier (wasal fil-5.36pm)

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv
Doriette Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Magda Magri Naudi, ippresediet il-laqgħa.

Qabel bdiet il-laqgħa, s-Sindku laqgħat mal-mejda, lis-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid, is-Sinjorina Pamela Borg. Is-Sindku rringrazjat ukoll lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjorina Doriette Farrugia, tal-ħidma tagħha f'dawn l-aħħar xhur peress li l-Kunsill ma kellux Segretarju Eżekuttiv. Il-Membri tal-Kunsill kollu wrew l-aprezzament tagħhom lejn is-Sinjorina Doriette Farrugia mhux biss tal-ħidma tagħha mma anke tal-għajnuna li hija tat u li ser tkompli tagħti lis-Sinjorina Pamela Borg sakemm hija tingrana fil-pożizjoni l-ġdida ta' Segretarju Eżekuttiv.

## 90.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

90.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 90.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 89

90.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tad-disgħa u tmenin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

90.2.2 Is-Sindku staqsiet jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti.

90.2.3 Fuq proposta tal-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Stephanie Cutajar, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 90.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

90.3.1.1 <u>Para 89.5.3 – Kaxxa Bajda fit-tarf ta' Sqaq il-Kunċizzjoni</u>
Rigward il-kaxxa l-bajda li hemm bżonn issir fil-kantuniera ta' Sqaq il-Kunċizzjoni, il-Minority Leader, Lorraine Farrugia, qalet li hija tista tmur fuq il-post bil-karozza tagħha, timmarka u turi lil ħaddiema xi jrid isir it-Tlieta 21 ta' Mejju, 2019.

90.3.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni u qalet li fl-aħħar laqgħa ġie deċiż li kellha tmur is-Sindku tagħmel spezjoni fuq il-post. Għalhekk is-Sindku u l-Minority Leader qablu li għandhom imorru flimkien fuq il-post. Il-Ħaddiema m'hemmx bżonn jkunu preżenti.

90.3.1.3 Il-Viċi Sindku, Stephanie Cutajar, indirizzat lis-Sindku u lil Minority Leader fejn qaltilom biex joqgħodu attenti meta jmorru fuq il-post minħabba ċertu struzzjonijiet li ġew mgħottija minn Transport Malta u l-gwardjani. Hija qalet li hemmhekk il-gwardajni kienu diġa ġibdu l-attenzjoni tal-kunsill fejn qalulna li hemmhekk ma jistax isir parkeġġ. Infatti fil-passat il-kunsill kien għamel applikazzjoni ma' Transport Malta għall-double yellow lines u huwa minn dak inhar li l-kunsill ilu għaddej b'din il-kwistjoni. Barra minn hekk hemm persuna li toqgħod fuq ġewwa nett ta' l-isqaq u dejjem tilmenta meta jkun hemm karozza ipparkjata fil-kantuniera. Dan għaliex din il-persuna ssuq trakk u ma tkunx tista tgħaddi sew meta jkun hemm karozza pparkjata. Il-Minority Leader qalet li hija tkelmet ma' din il-persuna partikulari u jekk isir parkeġġ m'għandux jkun hemm problema ta' xejn.

90.3.1.4 Il-Minority Leader baqgħet issostni li bħal ma hemm parkeġġi oħrajn fil-kantuniera ġewwa Ħal Lija dan missu jsir ukoll. Il-Kunsill baqa bi qbil li għandhom imorru fuq il-post is-Sindku w il-Minority Leader u jiċċekjaw rigward dan.

90.3.2.1 <u>Para 89.8.8.2 – Ċirkulari SPI/07/2019 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni</u>
Rigward fondi li l-Kunsill kien qabel li għandna napplikaw għalihom biex ikollna sistema ta' rrigazzjoni fil-Ġnien Rikreattiv, Il-Minority Leader innutat li m'għandnix risposta mingħand il-kumpaniji li bgħatnilom talba ta' kwotazzjoni għal din is-sistema. Hija kompliet tgħid biex jekk filkas insibu kumpaniji oħrajn li jistgħu jtuna kwotazzjoni għal din is-sistema ta' rrigazzjoni.

90.3.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li hija ġabet tlett kwotazzjonijiet mingħand kumpaniji differenti. Dawn il-kumaniji huma; Derek Garden Centre, ELC u Gaetano Caruana Ltd. Is-Sinjorina Pamela Borg, reġgħet ukoll spejgat fil-qasir li diment li l-kunsill qabel biex japplika għal din is-sistema fil- Ġnien Rikreattiv, il-pass li jmiss kien biex inġibu kwotazzjoni ta' dan ix-xogħol. Mingħajr ma l-Kunsill ikollu kwotazzjoni ta' din l-ispiża ma nistgħux napplikaw għax fuq l-applikazzjoni trid tinkludi kemm ser tkun l-ispiża.

90.3.2.3 Is-Sindku qalet li meta konna rċvejna din iċ-Ċirkulari SPI/07/2019, hija kelmet lid-Dipartimet fuqha. Ma min tkelmet qalilha li bħala Kunsill jekk napplikaw għal dan il-Finanzjament, hemm possibilta kbira li l-applikazzjoni tagħna tiġi aċċettata. Dan għaliex il-Kunsill għandu l-ilma tiegħu, hemm il-bir.

90.3.2.4 Is-Sindku u l-Minority Leader issuġġerew li għandna nistaqsu lil Sherries biex ituna kwotazzjoni. Il-Viċi Sindku qalet li anke hawn resident Ħal Lija li jaħdem f'dan it-tip ta' xogħol u forsi jkun jista jiprovdilna apparat ta' rrigazzjoni. Il-Kunsill kollu qabel li għandu jibqa jfittex aktar kumpaniji li jistgħu jtuna kwotazzjoni.

90.3.3.1 <u>Para 89.8.9.1 – Tiġdid tal-kuntratt tal-iskrivana</u>
Il-Minority Leader staqsiet jekk issa bir-riforma l-ġdida, nistgħux nitolbu biex lil din l-iskrivana, jew inkella lil Asisstent Prinċipal biex inżidulhom xi siegħat tax-xogħol. Hija qed tistaqsi dan peress li nnutat li l-Kunsill ser ikun nieqes mill-istaff peress li s-Sinjorina Pamela Borg issa laħqet Segretarju Eżekuttiv.

90.3.3.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-laqgħa meta approvaw lil Pamela Borg bħala Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill kien approva ukoll li tinħareġ sejħa għall-Uffiċċjal Eżekuttiv, bl-istess skala li kienet is-sinjorina Borg. Hija kompliet tgħid li din is-sejħa diġa ħarġet interna fil-Kunsill ta' Ħal Lija.

90.3.4.1 <u>Para 89.8.10.2 – Talba biex Trejqet Kleriku Ġakbu Abela issir *one-way*</u>
Il-Minority Leader qalet li kellha talba fejn jekk nistgħux ngħidu lil Gvern jieħu parti mill- għalqa tal-kantuniera fejn qiegħda kantuniera ma' Triq il-Mitħna għal Triq Hal mann biex titwessa t-triq.

90.3.4.2 Is-Sindku qalet li bħala Kunsill aħna nistgħu nagħmlu suġġeriment biss ta' dan. Qalet ukoll li għandna nagħmlu suġġeriment ta' twessar tat-triq fi Triq Annibale Preca fl-iktar parti dejqa tat-triq ħdejn il-Bio technology centre. Dwar is-suġġeriment ta' Triq Annibale Preca s-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija diġa talbet parir lis-Sur Cohen ta' Transport Malta biex naraw x'nistgħu nagħmlu fuq il-konġestjoni ta' traffiku pero dan ma bgħatx risposta.

90.3.5.1 <u>Para 89.8.16.4 – Talba għall-bozza ġdida Triq il-Maħlut</u>
Il-Minority Leader tat update rigward din it-talba. Hija għamlet rapport personali ma' Enemalta fejn qaltilom li fi Triq il-Maħlut hemm ħafna dlam u li s-sitwazzjoni hija gravi speċjalment meta din hija area residenzjali. Enemalta qablu li jagħtu l-għajnuna tagħhom u jiprovdu lil Kunsill b'din il-bozza. Infatti bgħatu lil xi rappreżentant jagħmel spezjoni. Il-Minority Leader iltaqgħet ukoll ma' Enemalta fuq il-post u sar ftehiem mar-residenti biex il-bozza titweħħel mal-ħajt u mhux fuq arblu.

90.3.5.2 Il-Minority Leader kompliet tgħid li diment li kienu Ħal Lija, lil ta'l-Enemalta ħaditom ukoll Ħal mann biex turihom arblu li kien tawweġ bil-grigalata u għadhu hekk. L-Enemalta kkonfermaw li dak mhux tagħhom imma tal-Go. Kumbinazzjoni nzerta kien hemm anke tal-GO fuq il-post u l-Minority Leader marret tkellimhom fuq dan l-arblu. Tal-GO qalulha li nfatti ġew fuq il-post għalih kif ukoll ħabba xi wires imdendlin. Pero l-arblu xorta baqa mawweġ.

90.3.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv, qalet li għamlet diversi kuntatti bl-email ma' tal-GO. L-unika risposta li dejjem ingħatat kienet li l-ilment ta' dan l-arblu ġie mgħoddi lis-sezzjoni tal-cable and maintenance unit.

90.3.5.4 Fuq dan is-suġġett, is-Sindku xtaqet iżżid li hemm ħafna wires imdendlin fi Triq Massimiliano Debono u dawn għandhom jiġu rrapurtati. Hija qalet li lil Go għandna ngħidulhom jagħmlu spezjoni madwar ir-raħal kollu u kull fejn jaraw li hemm xi wires imdendlin jew maqgħtuha għandom jirranġawhom.

90.3.6 <u>Para 89.8.22.1 – Talba biex jitneħħa xi *parking* minn Triq Giuseppe Cali</u>
Il-Minority Leader qalet li dakinhar li kellha tmur Triq G.Cali fuq il-post hija ma laħqitx u qalet li jistgħu jiċċekjawha hija u s-Sindku nhar it-Tlieta 21 ta' Mejju ma'l- items oħrajn.

## 90.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

90.4.1.1 Is-Sindku tat update rigward ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni li kellhom isiru fil-play area tal-Ġnien Rikreattiv. Hija qalet li s-Segretarju Eżekuttiv għamlet diversi kuntatti mal-persuna li ordnajna x-xogħol mingħandha biex tibda bix-xogħlijiet. Kompliet tgħid li anke hi bħħalha Sindku kelmitha personali w fl-aħħar wara ħafna dewmien ġejna nfurmati li x-xogħol ser jibda din il-ġimgħa. Is-Sindku għaddiet proposta biex l-ispiza tal-manutenzjoni li ser issir fil-play area tiġi koperta u titħallas mill-kont tar-Regjun, mill-LES Surplus funds. Il-Kunsill qabel unanimament.

90.4.1.2 Il-Minority Leader reġgħet issuġġeriet biex inġibu bin tal-annimali għax qalet li dan ikun sabiħ fil-play area. Kemm is-Sindku u kemm is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li konna ġibna kwotazzjoni ta' dawn it-tip ta' bins imma għoljin ħafna u barra minn hekk ma jaqbilx għax il-kontenitur ta' ġewwa żgħir wisq għall-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret lil Kunsill li rigward il- bins, ftit ilu applikajna mad-dipartiment ukoll.

90.4.1.3 Il-Minority Leader talbet biex mill-fondi tar-Reġjun inġibu aktar cigarette bins għax qalet li n-nies ħadu gost bihom. Is-Sindku qalet li l-ewwel il-fondi ser jintużaw għall-manutenzjoni fil-play area umbagħad jekk filkas naraw x'jifdal.

90.4.2.1 Is-Sindku tkelmet fuq il-bus shelters u qalet li qed nistennew mingħand Faces biex isir il-bus shelter fi Triq Kardinal Ferretti. Is-Segretarju nfurmat li dan is-suġġett ser nitkelmu fuqu aktar tard bħala items ta' xogħol oħra tal-Kunsill.

90.4.3 Fuq nota oħra, is-Sindku qalet li għandna nagħmlu kuntatt ma' Transport Malta għax qed jkun hemm diversi lmenti fuq bus no 54 li mhux tgħaddi mir-rotta kif suppost. Is-Sindku qalet li tal-linja mhux tinżel sa Triq Kardinal Ferretti u taqbad u ddur għal Triq San Liċinju. Il-Minority Leader qalet li anke qed ikun hemm xufiera li ma jafux kif inhi r-rotta li dan mhux aċċettabli. Din il-ħaġa qed tiġri f'diversi ħinijiet u trid tiġi rrapurtatha.

**F'dan il-ħin daħal is-Sur Massimo Scerri u l-ħin immarkat kien 5:35pm.**

## 90.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

90.5.1.1 Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia, tkelmet fuq il-kuntrattur tat-tabelli u s-sinjali u rigward ir-reflectors li għadhu jrid jweħħel fi Triq Annibale Preca. Hija qalet li dan mhux xogħol ta' siegħat, m'għandu xejn kbir u għandu jagħmilom issa f'Mejju malajr kemm jista jkun u mhux fi Ġunju.

90.5.1.2 Is-Sindku qablet rigward dan u wkoll qalet li din mhux ħaġa ġusta u hemm bżonn nerġgħu nkelmuh. Il-Minority Leader kompliet tgħid li aħna m'għandna xejn inqas minn lokalitajiet oħrajn u lilna għandu jaqdina ukoll.

90.5.1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li ser jerġa jsir kuntatt mal-kuntrattur.

## 90.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

90.6.1.1 <u>Rapport Finanzjarju ta' kull kwart għal perjodu minn Jannar sa Marzu 2019</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill l-ewwel Rapport Finanzjarju ta' kull kwart minn Jannar sa Marzu 2019, kif ġie ppreparat mill-accountant tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv tat deskrizjoni żgħira fuq dan ir-rapport finanzjarju.

90.6.1.2 Minn Jannar sa Marzu 2019, bħala dħul b'kollox kien hemm valur ta' €87,554. Il-Kunsill kellu nefqa totali ta' €67,855 u għamel profitt ta' €19,699. Minn dawn l-ammonti jidher li l-Kunsill bħala finanzi qiegħed tajjeb.

90.6.1.3 Dan ir-Rapport ġie approvat unanimament mill-Kunsill.

90.6.2.1 <u>Rapport ta' Evalwazzjoni għat-Tender Concrete imprint works f'parti minn Triq Preziosi Sqaq Nru 2</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv resqet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill rapport ta' evalwazzjoni rigward xogħlijiet ta' concrete f'parti minn Triq Preziosi Sqaq nru 2. Is-SE kompliet tgħid li kif jaf il-kunsill kollu, għal

din is-sejħa kellna żewġ offerti biss u t-tnejn li huma kienu aktar għoljin mill-budget tal-kunsill. Peress li l-irħas offerta kienet mhux ħafna aktar għolja mill-budget, il-kunsill talab għall-għajnuna tal-awtorita tal-ippjanar biex tingħata din id-differenza billi żżidilna l-ammont tal-fond li kienet diġa tatna għal dan il-proġett.

90.6.2.2 Is-Sindku qalet li hija damet titħaddet ħafna mac-chair person u kif ukoll mal-perit tal-awtorita tal-ippjanar u tirringrazjahom tal-għajnuna li taw lil Kunsill f'dan ir-rigward. L-awtorita tal-ippjanar riċentament bgħatet bil-miktub lil Kunsill fejn infurmatu li hija aċċettat it-talba tal-kunsill biex jingħataw aktar fondi u jkun jista jipproċedi bix-xogħlijiet u ma jaqax it-tender. Infatti saret emmenda fuq il-kuntratt li kien diġa sar bejn iż-żewġ partiti.

90.6.2.3 Dan ir-Rapport ġie approvat unanimament mill-Kunsill.

90.6.3.1 <u>Rapport ta' Evalwazzjoni għall-Manutenzjoni tal-Ġonna u żbir ta' ħaxix</u>
Is-SE resqet fuq il-mejda rapport ta' evalwazzjoni għall-approvazzjoni tal-kunsill rigward tender għall-manutenzjoni tal-ġonna u żbir ta' ħaxix. Hija fakret lil kunsill li bħalissa qegħdin bi direct order għal erba' xhur u peress li dawn l-erba' xhur kważi għaddew għandha bżonn toħroġ din is-sejħa.

90.6.3.2 B'kollox kien hemm sitt bidders li wrew interess f'din it tender. L-offerti li ngħataw kollha kienu aktar għolja mill-budget tal-Kunsill pero l-bord tal-evalwazzjoni qal li l-Kunsill jista jipproċedi bl-irħas offerta għax din ħarira għolja biss kienet.

90.6.3.3 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk it-tenders għadhomx iridu jingħataw biss fuq bażi ta' l-irħas offerta u jekk tender tistax tiġi evalwata fuq affarijiet oħra apparti prezz bħal eżempju kwalita ta' servizz. Is-SE kkonfermat li trid tingħażel l-irħas offerta għax tender dejjem tiġi awarded fuq bażi ta' l-irħas prezz. Pero hemm tenders partikulari bħal eżempju tenders ta' latrini u knis li dawn ma jistgħux jingħataw fuq bażi ta' l-irħas offerta, iżda fuq bażi tal-kunċett ta' 'Best Price quality Ratio' – skond proċeduri ta' prokura li dejjem inħarġu mid-Dipartiment.

90.6.3.4 Il-Kunsill approva dan ir-rapport unanimament.

## 90.7 Ilmenti u Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

90.7.1.1 <u>Ittra mingħand Resident indirizzata lis-Sindku</u>
Is-Sinkdu resqet fuq il-mejda ittra mingħand is-sur Salvu Sammut rigward il-publikazzjoni tal-gazzetta 'Villa Lia'. Fl-ittra, s-Sur Sammut spjega li din il-gazzetta kienet waħda mix-xogħlijiet li l-Mons. Ġużeppi Fenech kien dejjem jagħmel u dnub li tintemm diment li ssa huwa spiċċa mis-servizz tiegħu. Ix-xewqa tiegħu qabel spiċċa kienet li jiġi ppuntat xi ħadd ieħor biex ikompli joħroġ din il-gazzetta u ġie magħżul biex ikompli jagħmel dan is-Sur Sammut. Is-Sur Sammut ta' l-kelma tiegħu u kkommetta ruħu biex jibqa jippubblika l-gazzetta 'Villa Lia'. B'permezz ta' din l-ittra huwa qed jitlob lil Kunsill biex jgħin fil-finanzjarjament u l-publikazzjoni ta' din il-gazzetta.

90.7.1.2 Il-Minority Leader staqsiet jekk dak li qed jitlob is-Sur Sammut jistax isir legalment. Kemm is-SE u kif ukoll id-Deputat SE infurmawha li din mhux possibbli u l-kunsill qatt ma jista jagħti donazjonijiet.

90.7.1.3 Is-Sindku qalet li xi ħaġa biss li tista ssir hija li il-Kunsill jiġi nvolut mas-sur Sammut fil-publikazzjoni tal-gazzetta b'arranġament li l-kunsill u hu joħorġu l-gazzetta flimkien. Biex isir hekk pero l-gazzetta trid tinħareġ mill-Kunsill b'kollaborazzjoni tas-Sur Sammut u mhux bil-maqlub.

90.7.1.4 Il-Kunsill qabel li jirrifjuta din it-talba u s-Sur Sammut għandu jiġi nfurmat li legalment il-Kunsill ma jistax jagħti donazjonijiet u għalhekk ma jistax jgħin fil-finanzi tal-publikazzjoni tal-gazzetta 'Villa Lia'.

90.7.2 <u>Bżonn li jsir Interim Audit minħabba bidla fis-Segretarju Eżekuttiv</u>
Is-SE infurmat lil Kunsill li peress li kien hemm bidla fis-SE, bil-liġi jrid isir interim audit. Minkejja li din hija daqsxejn ta' spiża kbira, il-kunsill approva li jsir dan l-interim Audit.

90.7.3.1 <u>Kwotazzjonijiet għal Data Protection Officer (DPO)</u>
Is-SE resqet fuq il-mejda 3 kwotazzjonijiet għas-servizz ta' DPO u qalet li dawn kienu intbagħtu lil Kunsill bl-imejl.

90.7.3.2 Is-Sindku qalet li waqt il-laqgħa plenarja tar-Reġjun, hija qajmet din il-kwistjoni ta' data protection officer. Hija qalet li din il-kwistjoni ta' DPO hija spiża li ġiet imposta fuq il-kunsill u li ser tammonta għal kważi €5,000 fis-

sena. Minkejja li l-allokazzjoni tal-kunsill dejjem baqgħet l-istess din xorta hija xi ħaġa li trid issir bil-liġi. Is-Sindku qalet li tispera li l-quddiem jiżdiedu l-finanzi.

90.7.3.3 Il-Viċi Sindku w il-Kunsillier is-Sur Scerri qalu li kien ikun tajjeb li kieku ir-Reġjun Ċentru joħroġ tender għal dan is-servizz u japplikaw il-Kunsilli Lokali kollha flimkien li jaqaw taħt dan ir-Reġjun ħalli l-ispiża tinqasam bejn kulħadd u tkun inqas. Id-Deputat SE nfurmat li hekk suppost għandu jsir fil-futur.

90.7.3.4 Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jiproċedi bl-irħas kwotazzjoni minn l-ewwel ta' Ġunju u dan is-servizz għandu jingħata fuq bażi ta' sena. Għandu jsir kuntatt mal-kumpanija li tawna l-irħas kwotazzjoni.

90.7.3.5 Fuq nota oħra, is-Sindku talbet biex nagħmlu kuntatt mal-avukat tagħna li għandna bħalissa mill-kumpanija GTG Advocates biex naraw jekk mhux ser jibqa huwa jirrappreżenta lil Kunsill. Dan għaliex is-Sindku qalet li ftit jiem ilu deher fuq l-aħbarijiet u qed tissuspetta li ngħata kariga oħra ma' din il-kumpanija. Hija ma tixtieqx li jkollna rappreżentant ieħor minn GTG Adovcates u nibqgħu bl-istess avukat. Għalhekk għandna niċċekjaw rigward dan.

90.7.3.6 Is-SE nfurmat li ser tagħmel kuntatt dirett mal-avukat rigward dan .

90.7.4.1 <u>Tender Street lighting</u>
IS-SE poġġiet fuq il-mejda kopja tat- tender ta' l-istreet lighting u nfurmat lil Kunsill li din l-istess kopja kienet ġiet ikkomunikata mal-kunsill permezz tal-imejl.

90.7.4.2 IS-SE qalet li bħalissa il-kunsill qiegħed b'direct order u għalhekk hemm bżonn li tinħareġ tender biex il-kunsill ma jkunx limitat b'ammont ta' direct order u jkun jista jagħmel bla limitu kull tip ta' manutenzjoni tad-dawl meħtieġ.

90.7.4.3 Il-Kunsill qabel u approva li toħroġ din is-sejħa u s-Sindku qalet li mportanti li fit-tender jkun hemm stipulat li ħsara rigward dawl għandha ssir fi tlett ijiem mill-kuntrattur. Is-SE qalet li suppost din il-klawsola qiegħda imniżla pero hija għandha terġa tikkonferma dan u qalet li minnufih dan it-tender ser jintbgħat għall-approvazzjoni tad-dipartiment.

90.7.4.4 Fuq nota oħra s-sindku tkelmet fuq id-Door numbering unit u staqsiet jekk il-Kunsill kienx għamel kuntatt magħhom biex jiżdiedu n-numri tal-bibien fi Triq il-Knisja. Hija kompliet tgħid li peress li żdiedu ħafna familji ġodda hemm bżonn ikun hemm numbering tajjeb tad-djar. Hemm minn għandu numru, min m'għandux u hemm ukoll numri li ma jeżistux. Hija qalet li kienet kelmet lil l-iskrivana fuq dan.

90.7.4.5 Is-sindku qalet li għandna nibgħatu imejl lid-door numbering unit biex jirranġaw in-numri tad-djar li hemm fi Triq il-Knisja. Il-Minority Leader qalet li anke fi Triq Annibale Preca għandha ssir din il-ħaġa w is-sindku qablet magħha. Għalhekk il-kunsill qabel biex isir kuntatt mad-door numbering unit rigward żieda fin-numri tad-djar fiż-żewġ toroq.

90.7.5.1 <u>CIRK 7/2019 Riforma Tal-Kunsilli Lokali</u>
Is-SE resqet fuq il-mejda r-Riforma il-ġdida tal-Kunsilli Lokali, għall-attenzjoni tal-Kunsill kollu li ġiet inseħħ fi 26 ta' April, 2019.

90.7.6.1 <u>CIRK SPI/SCI/2019 – Skema ta' Finanzjament mill-Gvern Lokali għall-Kura tal-Annimali fil-Komunita</u>
Is-SE poggiet fuq il-mejda ċirkulari rigward skema ta' finanzjament għall-kura tal-Annimali fil-Komunita. Kopja ta' din iċ-ċirkulari kienet ġiet ikkomunikata mal-kunsill permezz ta' imejl.

90.7.6.2 Is-Sindku qalet li huwa mportanti li napplikaw għax anke ħafna residenti ilhom jitolbu biex isir neutering tal-qtates u din hija waħda mill-affarijiet li din l-iskema tkopri. Barra minn hekk is-sindku kompliet tgħid li hemm persuna li lesta tiffinanzja totalment lil Kunsill, bħala sponsership, biex isir cat village żgħir fil-Ġnien Rikreattiv. Dan il-Cat village kieku tajjeb isir kif wieħed jinżel minn ħdejn it-taraġ ta' fejn it-torri.

90.7.6.3 Is-Sindku qalet li apparti li naplikaw għall-neutering nistgħu ukoll napplikaw għall-dog park. Id-Deputat SE staqsiet fejn kieku jipproponi l-kunsill li jsir dan il-park.

90.7.6.4 Il-kunsill qabel li m'hawnx spazju mkien Ħal Lija biex isir dog park u għandna napplikaw biss għall-proġett żgħir ta' neutering tal-qtates.

90.7.7.1 <u>Direttiva Facebook Page</u>

IS-SE poġġiet fuq il-mejda Direttiva li kien bgħat id-dipartiment rigward social media li jagħmlu użu minnom il-Kunsilli Lokali. F' din id-direttiva hemm stipulat li kunsill jista jkollu Facebook page u mhux Facebook group. Bħalissa il-Kunsill ta' Ħal Lija għandu group u dan huwa kontra din id-direttiva u għalhekk irid jingħalaq.

90.7.7.2 Is-SE kompliet tgħid li dan l-aħħar ġie nnutat li l-Facebook group tal-kunsill mhux qed jiġi użat kif suppost. Sfortunatament dan qed jintuża b'mod abbusiv u l-propja użu tiegħu, dak ta' komunikazzjoni, sfaxxa kompletament. Qed ikun hemm wisq posts bi kummenti wisq negattivi, mmirati bħal attaki personali u kif ukoll kontra l-kunsill. Il-Kunsill qabel li dan huwa kollu veru.

90.7.7.3 Riċentament is-SE kitbet post fuq dan il-group fejn infurmat lir-residenti b'mod edukattiv u diplomatiku biex ilmenti ma jibqgħux isiru fuq Facebook u l-aħjar isiru dirett mal-uffiċċju tal-kunsill u wieħed għandu jagħmel dan billi jiġi personali l-kunsill, jibgħat imejl jew jċempel bi telefon. L-għan ta' din il-post sar bi intenzjoni tajba biex ir-residenti stess jinqdew aħjar b'mod aktar mgħaġġel u effiċjenti. B'hekk ilmenti jiġu solvutu f'inqas żmien għax ikun sar rapport dirett ma' l-istaff tal-kunsill. L-istaff tal-kunsill lanqas biss għandom aċċess għall-Facebook group u ma jistgħux joqgħodu erbgħa u għoxrin siegħa fuq Facebook jaqraw l-ilmenti.

90.7.7.4 Is-SE kompliet tgħid li hija provat tagħmel dan fl-interess tar-residenti, għall-ġid tagħhom stess biex ikunu mgħoqdija aħjar. Żiedet tgħid li kienet iddispjaċutha wisq bir-reazjoni tar-residenti u dawn aktar tefgħu kummenti negattivi u ta' tgħajjir.

90.7.7.5 Fuq bażi ta' din l-ispjegazjoni l-kunsill qabel li dan il-grupp għandu jingħalaq wara l-elezzjonijiet, it-Tnejn 27 ta' Mejju,2019. Qabel jingħalaq pero għandha titella post anonima minn rappreżentant tal-kunsill fejn ninfurmaw lir-residenti li dan il-Facebook group ser jingħalaq skond direttiva 4/2016 mibgħuta mid-dipartiment.

90.7.7.6 Rigward ftuħ kif suppost ta' Facebook page ġdida u kif mitlub skond direttiva 4/2016, ser titħalla f'idejn u fid-deċiżjoni ta' Kunsill ġdid li ser ikun elett dalwaqt fil-jiem li ġejjin.

90.7.8.1 <u>Kwotazjonijiet ta' Surveys -Bus shelter fi Triq Kardinal Ferretti u bankina fi Triq Ġuzeppi Portelli</u>

Is-SE resqet fuq il-mejda kwotazjoni mingħand il-perit rigward kemm tiġi spiża biex issir survey ta' bus shelter li l-kunsill kien approva fi Triq Kardinal Ferretti. Hija żiedet tgħid u kkonfermat li dan is-survey diġa sar minn Faces; il-kumpanija li l-kunsill applika magħha biex isir dan il-bus shelter fi Triq K.Ferretti.

90.7.8.2 Il-Minority Leader ikkonfermat li hija nfatti riċentament rat lil xi nies ikejlu fi Triq Kardinal Ferretti. Għalhekk is-SE nfurmat li diment li dan is-survey sar minn naħa tal-kumpanija Faces b'xejn, il-kunsill franka milli jqabbad lil perit jagħmel dan. Is-SE qalet li diġa talbet lil Faces biex il-kunsill jingħata kopja ta' dan is-survey.

90.7.8.3 Waqt li kienet għaddejja t-taħdida fuq bus shelters, il-Viċi Sindku ġibdet l-attenzjoni li sar xi vandaliżmu fuq is-seat tal-istage ta' fejn it-Torri Belvedere. Is-Sindku kkonfermat dan u qalet ukoll li sar anke vandaliżmu fuq l-istage li hemm fil-bidu qabel ma tidħol għal Ħal Lija fejn tal-ħaxix. Il-Kunsill qabel li dan il-vandaliżmu għandu jitneħħa.

90.7.8.4 Rigward il-bankina li l-kunsill kien qabel fuqha biex issir fi Triq Ġ.Portelli, is-SE nfurmat li l-perit qalilha li m'hemmx bżonn ta' survey. Il-perit qal li l-kunsill jista minnufih jqabbad kuntrattur biex jagħmel il-bankina. Kif il-kunsill isib kuntrattur li kapaċi jagħmel dan, għandu jsir kuntatt mal-perit biex imur fuq il-post mal-kuntrattur ħalli jispjegalu eżatt xi jrid isir. Kemm is-Sindku u kif ukoll il-Minority Leader jixtiequ jkunu nfurmati meta l-perit jkun sejjer fuq il-post mal-kuntrattur biex jattendu huma wkoll.

90.7.8.5 Il-Minority Leader, Lorraine Farrugia, staqsiet jekk il-kunsill sabx lil xi kuntrattur li jaf jagħmel bankina mill-ġdid. Is-SE nfurmat li għandna fl-istadju fejn qiegħdin infitxu għan-nies li jaħdmu f'dan it-tip ta' xogħol u staqsiet lil Kunsill jekk jistgħux jirrakomandaw lil xi ħadd huma wkoll. Ġie rrakomandat Charlo li għamel Triq id-Dejqa.

90.7.9.1 <u>Talba mingħand Lija Athlethic FC biex jingħataw il-pitch li għandu l-Kunsill fil-Ġnien Rikreattiv</u>

Is-Sindku reġgħet fakret lil kunsill fuq it-talba li għamlu Lija Athletic FC biex jieħdu il-pitch iż-żgħir li hemm ħdejn it-tennis club peress li l-iskola primarja mhux ser tħallihom jagħmlu aktar użu mill-ground tagħha. Dan għaliex l-iskola applikat għall-permess mal-Mepa biex ittella u hemm ħsieb li tagħmel hall u xi toilets.

90.7.9.2 Il-President ta' Lija Athletic FC qed jitlob lil Kunsill biex jagħtihom dan il-pitch għaliex inkella mhux ser jkollhom post fejn jgħalmu futbol lil dawk it-tfal li jiġu n-nursery. Huwa qal li Lija FC lesti jieħdu r-responsabbilta li jirranġaw l-pitch tal-kunsill biex ikunu jistgħu jagħmlu użu personali minnu bħala nursery. Huwa qal li kieku dan jintuża bħala nursery b'mod regulari wara nofsinhar u s-Sibt filgħodu. F'ħinijiet oħra meta ma jkunx qed

jintuża bħala nursery dan il-pitch jitħalla miftuħ għall-użu tal-pubbliku.

90.7.9.3 Is-SE Eżekuttiv talbet eżatt lil President ta' Lija FC biex jgħidilna il-ħinijiet preċiżi li huwa qed jitlob biex juża l-pitch bħala nursery. Pero dan ma weġibx.

90.7.9.4 Is-Sindku qalet li l-pitch jaqa taħt idejn il-kunsill u skond il-liġi dak huwa devolut lil Kunsill. Jekk il-Kunsill irid jagħtih lil President ta' Lija FC hija qalet li lanqas taf eżatt kif inhi l-proċedura, u kif ukoll jekk għandhomx jużawh wara li jirranġawh jew inkella jekk jistax il-Kunsill jagħmel devoluzjoni tiegħu.

90.7.9.5 Id-Deputat SE qalet li jekk il-kunsill jaqbel li jagħti il-pitch lil Lija FC, irid żgur isir xi tip ta' kuntratt u żgur nkunu rridu niktbu lid-dipartiment biex jgħidilna jekk din mhux xi ħaġa li tista ssir u jagħtina linji gwida rigward dan. Is-Sindku qalet li l-kunsill kiteb anke lil Evarest Bartolo imma ma kelnix risposta lura.

90.7.9.6 Il-Viċi Sindku qalet ukoll li kieku l-kunsill kellu jagħti l-pitch lil Lija FC ovjament iridu jirranġawh huma u jieħdu ħsieb tal-manutenzjoni tiegħu. Hija kompliet tgħid pero li jekk ikun hemm ċans ta' xi fondi l-Kunsill għandu jkun lest jgħin lil Lija FC japplika. Mhux sew li tfal żgħar jispiċċaw ma jkolhomx post fejn jiprattikaw il-futbol.

90.7.9.7 Rigwad din it-talba, il-Kunsill qabel unanimament li għandu jistaqsu għal parir tad-Dipartiment.

90.7.10.1 <u>Talba ta' no parking signs għall-tieġ</u>
Koppja qed jitlobu lil Kunsill biex jagħtihom permess għall-tabelli ta' no parking fi 22 ta' Ġunju għal tieġ li ser isir fi 6:30pm. Huma qed jitolbu għall-tabelli tan-no parking quddiem iz-zuntier u kif ukoll fl-ewwel ringila tal-pjazza, fuq iż-żewġ naħat. Dan għaliex huma ser iġibu Diamond Lounge Limousine u din tant hija kbira li bilfors irid jitneħħa xi parkeġġ għax inkella x-xufier li ser ikun qed isuqha ma jkunx jista jdur. Ser ikollhom anke pulizija biex jgħinhom f'dan ir-rigward u anke ftehmu fuq it-tabelli tan-no parking signs ma' koppja oħra li kumbinazzjoni ser ikollhom tieġ qabilhom fil-Knisja ta' Ħal Lija wkoll fi 4:30pm.

90.7.10.2 Wara taħdida daqsxejn fit-tul, l-Kunsill approva li jingħataw tabelli ta' no parking signs quddiem iz-zuntier u kif ukoll jitneħħew l-ewwel set ta' parkeġġi fuq quddiem qrib taz-zuntier, fuq iż-żewġ naħat. Jekk il-koppja ma jieħdux pjaċir b'din id-deċiżjoni u jsostnu li jridu aktar tabelli ta' no parking, dawn għandhom ikunu nfurmati biex jibdlu d-daqs tal-karozza għax il-kunsill mhux ser ineħħi aktar parkeġġi. Il-Kunsillier Massimo Scerri qal li l-Kunsill mhux ser iħassar festi pero diġa se jkolhom jagħmlu sagrifiċju kbir ir-residenti għax ser jitilfu ħafna parkeġġ, minħabba dan it-tieġ.

90.7.11.1 <u>Talba għall-kaxxa ta' Mutur fi Triq San Liċinju</u>
Resident li avviċina lis-Sindku qed jagħmel talba biex mal-ġenb tad-drive tiegħu bejn il-linji sofor li għandu u l-ewwel kaxxa bajda tal-parkeġġ, issir kaxxa żgħira ta' mutur. Huwa jrid MC Bay biex forsi b'hekk ikun hemm inqas ċans li karozzi jipparkjawlu eżatti mal-koxxa tal-garaxx tiegħu.

90.7.11.2 Il-Minority Leader qalet li hemmhekk hemm biżejjed spazju fejn isir MC Bay u jista jsir dan. Hija kompliet tgħid li jekk filkas ikun hemm bżonn imorru jiċċekjaw l-area hi u s-sindku.

90.7.11.3 Il-Kunsill qabel li dan il-MC Bay għandu jsir u jrid japplika għalih ma' Transport Malta wkoll.

90.7.12.1 <u>Tibdil fil-parkeġġ ta' Triq Sir Ugo Mifsed fejn il-Housing Estate</u>
Il-Minority Leader qed tiproponi biex isir xi tibdil żgħir fil-parkeġġi li hemm fuq ġewwa nett fi Triq Sir Ugo Mifsud fejn il-Housing Estate. B'permezz ta' ritratt hija wriet lil Kunsill li hemm parkeġġ wieħed qiegħed mindud, eżatti mal-bankina filwaqt li l-parkeġġi l-oħra ta' maġenbu qegħdin kollha dritti, għat- tul.

90.7.12.2 Il-Minority Leader qed tissuġerixxi biex il-parkeġġ li hemm mindud ma jibqax kif inhu w minnflok isiru żewġ parkeġġi oħra dritti għax hemm fejn joqgħodu. Hija kompliet tgħid li dawn jistgħu jaqbdu u jsiru għax ir-residenti diġa jipparkjaw hekk.

90.7.12.3 Is-SE staqsiet jekk mhux ser jiġu affetwati żewġ residenti partikulari, li kieku jiġu mplementati dawn iż-żewġ parkeġġi dritti, dan peress li għandhom l-entratura tal-garaxxijiet tagħhom hemmhekk. Il-Minority Leader ikkonfermat li mhux ser ikollhom problemi ta' aċċess għall-entratura tal-garaxx u m'għandux jaffetwahom dan it-tibdil.

90.7.12.4 Is-Sindku qalet din idea tajba w l-Kunsill qabel li għandu jsir dan it-tibdil fil-parkeġġi diment li residenti diġa qed jipparkjaw hekk. Il-Kunsill għandu jneħħi l-abjad biss li hemm żejjed u ma jagħmel xejn aktar ħalli residenti jipparkjaw kif iridu. TM m'hemmx għalfejn ikun nfurmat.

90.7.13.1 <u>Applikazjonijiet għall-permessi ta' żvilupp tal-PA</u>
Is-Sindku resqet lista ta'applikazjonijiet għall-permessi ta' żvilupp tal-PA għar-rakkomandazjoni tal-Kunsill.

90.7.13.2 Fuq PA/03567/19 ta' l-iskola primarja, il-Kunsill qabel li m'hemmx bżonn tiġi sottomessa oġġezjoni ħlief suġġeriment biex tiġi nkluża librerija f'dan il-permess.

90.7.13.3 Fuq PA/03801/19 ta' Triq il-Forn, il-Kunsill għandu jitlob lil Perit malajr kemm jista jkun biex dan il-permess jagħtih ħarsa. Dan għaliex bħala permess jinkludi wisq kliem elaborat u l-Viċi Sindku qed tissuspetta li jaf jitla bini ogħli ħafna li ma jkunx adekwat u jaf ikisser l-istruttura tar-raħal. Il-Kunsill għandu jimxi fuq il-parir tal-Perit.

90.7.13.4 Fuq PA/03829/19 ta' Triq Sant Andrija, il-Kunsill qabel li m'hemmx bżonn tiġi sottomessa oġġezjoni.

90.7.13.5 Waqt li l-Kunsill kien qed jiddiskuti l-PA Permits, il-Minority Leader staqsiet kif bqajna rigward il-bankina mkissra li kisser il-kuntrattur li qed jaħdem fi Triq Egidio Lapira. Hija staqsiet jekk il-kuntrattur għamilx garanzija tal-bankina mal-kunsill u s-SE kkonfermat li ma saret l-ebda garanzija mal-kunsill għall-bankina ta' Triq Egidio Lapira. Is-SE nfurmat lil Minority leader li diment li il-garanzija ma saritx mal-kunsill, dan ma jfissirx li il-Kuntrattur żgur m'għandux garanzija tal-bankina. Dan għaliex jaf applika għall-garanzija dirett mal-Mepa, għax għandu dritt jagħżel li jagħmel dan.

90.7.13.6 Il-Minority Leader talbet biex naraw jekk nistgħux nidħlu fis-sistema tal-MEPA, u nfittxu dan il-permess biex forsi naraw jekk hemmx imnizzel fil-permess li għamel garanzija mal-mepa. Jekk le naraw hemmx numru tal-applikant biex nagħmlu kuntatt miegħu rigward dan. Il-Kunsill ser jiċċekja rigward dan.

## 90.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

90.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 5/19 li tinkludi l-ammont ta' €16.62 bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' April 2019. Ir-rendikont tal-*Petty Cash* jinsab mehmuż mal-iskeda.

90.9.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kif ukoll il-Petty Cash kienu proposti għall-approvazzjoni mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kienu ssekondati mill-Viċi Sindku Stephanie Cutajar. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha.

## 90.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

90.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15pm.

90.10.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 13 ta' Ġunju 2019 fil-5.00pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 13 ta' Ġunju, 2019.

IFFIRMATA

Magda Magri Naudi
Sindku

IFFIRMATA

Pamela Borg
Segretarju Eżekuttiv